# LONDRA

## Għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-ewwel tas-sena

Mis-27 ta' Diċembru 2018
sat-2 ta' Jannar 2019
*(6 iljieli)*

Inżuru
**Londra,
Westfield London
Shopping Centre,
Brighton, Canterbury
u Leeds Castle**



*Londra*



*Canterbury*



*Westfield London Shopping Centre*



*Brighton*

**Hamilton** travel

T: 2124 1292 | 4, St Publius Street, Floriana

Follow us on facebook | hamiltontravel_malta | hamiltontravel.com.mt

## Il-Ħamis 27 ta' Diċembru
Niltaqgħu mat-Tour Leader fl-ajruport fis-5.55am, fejn intiru lejn Londra fit-7.55am. Mistennija naslu ġewwa Heathrow fl-10.25am. Bil-kowċ privata tagħna mmorru mill-ewwel fiċ-ċentru ta' **Londra**, fejn noffrulkom (**b'xejn**) sightseeing tour tal-belt. Naraw fost oħrajn postijiet bħal Piccadilly Circus, Trafalgar Square, Houses of Parliament, Big Ben, Buckingham Palace, ix-xmara Thames, St Paul's Cathedral, il-London Eye u Westminster Abbey. Ikollna wkoll waqfiet fejn wieħed ikun jista' jieħu xi ritratti. Wara, nibqgħu sejrin il-lukanda tagħna f'Londra - **Hotel Royal National – 3*** li tinsab fiċ-ċentru – Russell Square. Sistemazzjoni tal-kmamar u ħarġa ta' familjarizzazzjoni mat-Tour Leader. Ikunu bdew il-famużi sales tal-istaġun.

## Il-Ġimgħa 28 ta' Diċembru
Continental breakfast fil-lukanda. Għal min irid illum se tiġi organizzata eskursjoni *optional* ta' ġurnata għax-shopping ġewwa **Westfield London Shopping Centre**. Dan huwa stabbiliment kbir fejn wieħed isib aktar minn tlett mitt ħanut, b'marki li jvarjaw minn ħwienet regolari sa ħwienet ta' disinjaturi kbar. F'Westfield insibu rappreżentazzjoni ta' 'The Village', waħda mid-destinazzjonijiet ta' Londra ta' shopping centre li fih aktar minn 40 ditta ta' lussu. Apparti minn destinazzjoni rinomata, f'Westfield Londra, wieħed isib iktar minn 60 ristorant u bars b'diversità kbira ta' ikel li żgur jolqot il-gosti ta' kullħadd. Dinja ta' kull tip ta' ikel - ristoranti li joffru ikel bnin u eżotiku minn kull rokna tad-dinja f'ambjent rilassanti. U dan mhux kollox! Westfield joffri wkoll ċinema ta' l-aqwa teknoloġija fl-Ewropa: Vue Cinema – esperjenza unika ta' ċinematografija li żgur togħġob lil ħafna nies wara ġurnata mimlija shopping.

## Is-Sibt 29 ta' Diċembru
Continental Breakfast fil-lukanda. Wara jkollna eskursjoni *optional* ta' ġurnata għal **Brighton** – post mill-isbaħ fejn il-baħar. Brighton tinsab madwar siegħa il-bogħod fin-nofsinhar ta' Londra. Huwa post popolari għall-bajja kbira kif ukoll għall-'Brighton Pier'. Hawnhekk insibu wkoll 'The Royal Pavilion', residenza irjali li kienu jużaw qabel, mibnija fl-1787. Huwa post fuq stil 'Indo-Saracenic', stil popolari li kienu jużaw ħafna fl-Indja għall-maġġoranza tas-seklu dsatax. Fi Brighton insibu wkoll distrett magħruf bħala 'The Lanes' – kollezzjoni ta' ħwienet karatteristiċi tal-post; ix-shopping mall 'Churchill Square' bi 80 ħanut li wkoll ikunu bis-sales tax-xitwa.
Ħarġa mat-Tour Leader filgħaxija.

## Il-Ħadd 30 ta' Diċembru
Continental Breakfast fil-lukanda u wara norganizzaw eskursjoni *optional* tal-belt ta' **Canterbury**, waħda mill-bliet l-aktar imfittxija mit-turisti li jżuru r-Renju Unit. Canterbury hija belt storika magħrufa għall-eqdem kattidral fl-Ingilterra u UNESCO World Heritage Site. Canterbury tinsab fuq ix-Xmara Stour. Nipproċedu biex inżuru **Leeds Castle** *(entratura inkluża)* magħruf bħala wieħed mill-isbaħ kastelli fid-dinja, fejn fis-seklu 21 sar meqjus bħala l-aktar bini storiku li n-nies iżuru fl-Ingilterra. Leeds Castle kien il-proprjetà privata ta' sitt irġejjen medjevali tal-Ingilterra. Minn wara s-sena 1278, għal 300 sena wara, il-kastell baqa' residenza rjali, qabel ma reġa' sar dar privata. Għal min jixtieq filgħaxija jkun hemm ħarġa mat-Tour Leader.

## It-Tnejn 31 ta' Diċembru
Breakfast u dalgħodu ħin liberu għal shopping u/jew sightseeing personali. Illum lejlet l-ewwel tas-sena se nħallukom liberi sabiex tilqgħu s-sena l-ġdida ma' eluf ta' nies oħra tul ix-xmara Thames. F'nofs il-lejl jibda spettaklu tan-nar li jdum madwar 10 minuti. L-aħjar postijiet minn fejn tara dan l-ispettaklu jkunu magħluqin u wieħed jingħata aċċess għalihom bi ħlas. Il-biljetti għal dawn il-postijiet jinxtraw minn fuq **www.seetickets.com** *(Mayor of London's New Year's Eve)*. Jistgħu jinxtraw sa massimu ta' 4 biljetti kull persuna. Il-maġġor parti ta' dawn il-biljetti se joħorġu għall-bejgħ lejn l-aħħar ta' Settembru u huma suġġett għad-disponibilità. Dan l-ispettaklu tan-nar xorta waħda jidher minn postijiet oħra madwar ix-xmara Thames.

## It-Tlieta 1 ta' Jannar
**Is-Sena t-Tajba!** Continental breakfast u llum se nħallukom liberi. Wara nofsinhar tistgħu tmorru mat-Tour Leader sa Regent Street għall-parata tal-Ewwel tas-Sena.

## L-Erbgħa 2 ta' Jannar
Continental breakfast fil-lukanda. Irridu nħallu l-kmamar sa nofsinhar u niddepożitaw il-bagalji f'kamra fil-lukanda (tridu tħallsu £0.50p għal kull bagalja). Il-kumplament tal-ġurnata tkun libera. It-titjira lura lejn Malta titlaq minn Heathrow fit-8.30pm u mistennija naslu Malta għall-ħabta tas-12.40am tat-3 ta' Jannar.

## PREZZ kull persuna

| | |
|---|---|
| 3 kbar f'kamra | €577 |
| 2 kbar f'kamra | €599 |
| Single | €827 |
| Tfal** *(2-11-il sena sat-tluq tal-vjaġġ)* | €459 |

- Il-kmamar doppji jkollhom sodod separati fil-lukanda

## IL-PREZZ JINKLUDI
- Titjiriet bl-Air Malta - Malta/Londra/Malta
- It-taxxi tal-ajru, Service Charge u Fuel Surcharge - €82
- Transfers b'kowċ privata - Ajruport/Lukanda/Ajruport
- Tour Panoramiku ta' Londra
- 6 iljieli akkomodazzjoni ġewwa r-Royal National Hotel fiċ-ċentru ta' Londra
- Continental Breakfast kull filgħodu
- Servizz ta' Tour Leader
- Insolvency Fund

## ESKURSJONIJIET

| | Adulti | Tfal** |
|---|---|---|
| Westfield London Shopping Centre | €36 | €26 |
| Brighton | €60 | €50 |
| Canterbury/Leeds Castle | €77 | €67 |

## MHUX INKLUŻI FIL-PREZZ
- L-eskursjonijiet
- Insurance

***** Tfal (2 sa 11-il sena sat-tluq tal-vjaġġ)***

Dan it-tour huwa suġġett għal-kundizzjonijiet ġenerali tagħna. Jekk jogħġobkom itolbu kopja ta' dawn u aqrawhom sewwa qabel ma' tibbukkjaw. Kopja tagħhom tista' titniżżel minn fuq is-sit
**www.hamiltontravel.com.mt**